**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa 6 ta' Diċembru, 2017.**

**Talba Nru: 268/2017PA**

**Banif Bank (Malta) plc u b'ordni tat-Tribunal datat nhar il-Erbgħa 25 ta' Ottubru 2017 isem il-Bank Attur għandu jaqra BNF Bank plc u mhux kif indikat**

**vs**

**David Lauri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fid-29 ta' Mejju 2017 li permezz tiegħu is-soċjeta' attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' tlett elef, disa' mija, ħamsa u erbgħin Ewro, tmienja u erbgħin ċenteżmu (€3,945.48ċ) allegatament dovuti kwantu għal tlett elef, tmien mija, tnejn u disgħin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€3,892.50ċ) rifużjon ta' kreditu fuq il-kont numru 8703371, bl-imgħaxijiet, u tnejn u ħamsin Ewro, tmienja u disgħin ċenteżmu (€52.98ċ) fuq il-kont numru 87033101, inkluż imgħaxijiet, kollox skond il-kundizzjonijiet miftieħma bejn il-partijiet. Is-soċjeta' attriċi ppremettiet li interpellat lill-konvenut diversi drabi biex iħallas, inkluż permezz ta' tttra legali tas-17 ta' Awissu 2016 u ittra uffiċjali bin-numru 745/2017, pero' dan baqa' inadempjenti. Is-soċjeta' attriċi talbet ukoll l-ispejjeż legali, bank *charges* u *fees*, u imgħaxijiet mit-22 ta' Mejju 2017 sad-data tal-ħlas.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta' attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) Agreement for Credit Facility datat 25 ta' Frar 2010 (Dok. A, fol. 6-9); (ii) prospetti tal-ħlas mitlub u dovut (Doki. B u D, fol. 11-12); (iii) kundizzjonijiet tal-kont kurrenti, u l-kont tat-tifdil (Dok. E u F, fol. 12-14); (iv) ittra legali datata 17 ta' Awissu 2016 (Dok. G, fol. 15); (v) ittra uffiċjali datata 29 ta' Marzu 2017, (Dok. H, fol. 16-17); (vi) miżati bankarji dovuti fuq self personali (Dok. I, fol. 18) u kontijiet kurrenti u ta' tifdil (Dok. J, fol. 19).

Ra li l-konvenut kien debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, pero' baqa' ma ppreżentax Risposta u lanqas deher biex jikkontesta l-kawża.

Sema' x-xiehda ta' Alfred Ferrante, manaġer fi ħdan il-Credit Recoveries Unit tal-bank atttur, li ddikjara li l-konvenut ilu klijent tas-soċjeta' attriċi minn Frar 2010 meta ingħata b'self is-somma ta' ħamsa u għoxrin elf Ewro (€25,000), liema self kellu jitħallas lura bl-imgħaxijiet fuq medda ta' seba' snin. Huwa kkonferma li l-konvenut baqagħlu jħallas lill-istess soċjeta' attriċi l-ammont mitlub b'din il-kawża.

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjeta' attriċi tirriżulta suffiċjentement pruvata, fil-kontumaċja tal-konvenut.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasħa s-somma ta' tlett elef, disa' mija, ħamsa u erbgħin Ewro, tmienja u erbgħin ċenteżmu (€3,945.48ċ), bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Ġudikatur**